# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru 368/74DS**

Anna Parnis armla minn Giovanni Parnis, u b'digriet tat-3 ta' Ottubru 1983 stante l-mewt ta' l-istess Anna Parnis il-gudizzju gie trasfuz f'isem Bartolomeo Parnis f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' hutu msifrin Emanuel u Paul, ahwa Parnis
vs
Emanuel Mifsud, u b'digriet ta' l-4 ta' Dicembru 2000 stante l-mewt ta' l-istess Emanuel Mifsud il-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmela Mifsud armla ta' l-istess Emanuel Mifsud u f'isem Mary Anne sive Anna Mifsud bint l-istess Emanuel Mifsud

Illum, 14 ta' Dicembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Dicembru 1973 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet:

Illi b'kuntratt pubbliku datat 8 ta' Lulju 1963 fl-atti tan-Nutar Dr. John Spiteri Maempel (Dok. "A") il-konvenut kien ha b'titolu ta' lokazzjoni minghand Giovanna Parnis il-korp ta' beni b'numri 26, 27 u 28 Triq San Guzepp, Birzebbugia, li jikkomprendi mezzanin (26) u forn (27 u 28), bil-permessi

tal-forn u tad-dqiq relativi ghall-istess, bl-avvjament ta' l-istess forn u bl-ghodod kollha imsemmija fil-kuntratt pubbliku, soggett ghall-kondizzjonijiet hemm pattwiti, cioe' fost ohrajn, li jzomm il-post u l-magna f'kundizzjoni tajjeb, u eventwalment fit-terminu tal-lokazzjoni idawwar il-permessi lura ghand is-sid tal-forn.

Illi b'kuntratt pubbliku sussegwenti datat 27 ta' Ottubru 1972, fl-atti tan-Nutar Dr. John Spiteri Maempel (Dok. "B") il-lokazzjoni fuq imsemmija giet determinata, pero' il-konvenut obbliga ruhu li jibqa responsabbli ghall-obbligi assunti minnu that l-ewwel suespost kuntratt pubbliku (datat 8 ta' Lulju 1963) sal-mument li huwa (il-konvenut) jaqleb it-Transfers u l-permessi kollha minn fuq ismu ghal sid il-forn.

Illi hu issa ma ghadux jokkupa l-istess fond u naqas milli jirrestitwixxi l-fond fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u milli jdawwar il-permessi tal-forn u tad-dqis kif kien obbligat li jaghmel skond l-imsemmija kuntratti.

Illi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza minhabba l-agir tal-konvenut l-avvjament tal-fond iddeterjora, bil-konsegwenti detriment u dannu tal-attrici.

talbet lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli li naqas li jadempixxi l-obligazzjonijiet kollha hawn fuq imsemmija ghad-dannu tal-attrici.

2. tillikwida d-danni kagunati u dovuti lill-attrici anke permess ta' periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' April 1973 u bl-interssi legali mill-istess data kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti "ratione materiae".

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u fil-mertu d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-eccipjent ma ghamel xejn hazin kif tallega l-attrici.
Salva kull eccezzjoni ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-6 ta' Novembru 1974 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata fuq it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazjoni debitament mahlufa fis-26 ta' Mejju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri Maempel tat-8 ta' Lulju 1963 Emanuel Mifsud kien ha b'titolu ta' lokazzjoni l-mezzanin numru 26 u l-fond adebit bhala forn numri 27 u 28, Triq San Guzepp, Birzebbuga (Dok. A a fol. 5 - 8 tal-process). B'kuntratt sussegwenti tas-27 ta' Ottubru 1972 (Dok. B a fol. 9 – 14 tal-process) l-ewwel kuntratt gie determinat u l-fondi msemmija gew koncessi bl-istess titolu ta' lokazzjoni lil Alfred Orsini b'effett mit-30 ta' Ottubru 1972. Dan Orsini hallas ta' xahrejn imbaghad, fi kliem il-konvenut, *"hasel idejh u tani c-cwievet lura"*. Il-konvenut kompla jiehu hsieb il-forn hu izda fis-17 ta' Marzu 1973, data specifikata minn Bartolomeo Parnis, baghat ic-cavetta ma' tifel, certu Leli Stivala. Ma jirrizultax li Mifsud hallas kera ghall-perijodu li dam fil-forn minn meta telaq Orsini. Inoltre jirrizulta wkoll li ma kienx dawwar il-permessi tal-Pulizija u r-razzjon fuq Orsini. Anke meta dahal Joseph Seychell b'kuntratt iehor tas-26 ta' Dicembru 1973 (Dok. JSP esebit fis-seduta peritali tat-18 ta' Settembru 1985) izda b'effett mill-1 ta' Jannar 1974, Seychell baqa' jopera l-istess forn bil-permess f'isem Mifsud. Seychell stess ighid li ma kien kellem lil hadd biex idawwar il-permess fuqu *"ghax kont moqdi"* (seduta peritali tat-23 ta' Novembru 1988).

Permezz tac-citazzjoni l-atturi jaghmlu riferenza ghall-kuntratt Dok. B fejn, nonostante li l-kuntratt mal-konvenut Mifsud gie determinat, l-istess Mifsud obbliga ruhu li *"jibqa' responsabbli ta' l-obbligu kollha assunti minnu bl-imsemmi kuntratt ta' lokazzjoni* (tat-8 ta' Lulju 1963) *u dana sakemm isiru t-transfers kollha minn fuq ismu ghal fuq isem il-komparenti iehor Alfred Orsini … u kwindi ghalhekk l-istess Mifsud qieghed jobbliga ruhu li jdawwar il-permessi kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-imsemmi korp ta' bini … u l-biljetti tar-ration"*. Isostnu li l-konvenut kien naqas jirrestitwixxi l-fond fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u milli jdawwar il-permessi tal-forn u tad-dqiq u li minhabba l-agir tieghu l-avvjament tal-fond iddeterjora. Ghalhekk tintalab il-likwadazzjoni tad-danni sofferti.

Mix-xiehda ta’ Bartolomeo Parnis jidher li d-danni pretizi jinkwadraw ruhhom fis-segwenti:

(1) tiswijiet u nuqqasijiet skond id-Dok. P1 esibit fis-seduta peritali ta’ l-4 ta’ Dicembru 1974 u ammontanti ghal Lm139,
(2) telfien ta’ kera ghas-sena 1973 fl-ammont ta’ Lm 287, kwantu ghal Lm173 ghal 173 gurnata bil-Lm1 kuljum u kwantu ghal Lm114 ghal 228 gurnata bil-hamsin centezmu kuljum, u dan skond l-iskrittura ta’ lokazzjoni Dok. B, u
(3) deterjorazzjoni ta’ l-avvjament.

Dwar it-tiswijiet u nuqqasijiet il-Qorti taqbel mal-perit legali li dawn huma dovuti. Difatti ghalkemm iggestixxa l-forn ghal xahrejn Alfred Orsini, wara kompla jiggestieh il-konvenut. U l-konvenut bl-ebda mod ma allega li t-tiswijiet u nuqqasijiet imsemmija minn Bartolomeo Parnis kien b’xi mod responsabbli ghalihom Orsini.

Dwar telfien ta’ kera l-Qorti tosserva l-ewwelnett li l-konvenut kellu dritt, anzi obbligu li jirrilaxxja l-fond f’idejn l-attrici wara l-kuntratt tas-27 ta’ Ottubru 1972 li permezz tieghu gie determinat il-kuntratt li kien sar mal-konvenut fit-8 ta’ Lulju 1963 u nholqot lokazzjoni gdida. Izda billi l-konvenut baqa’ jokkupa u jiggestixxi l-fond ghal xi zmien wara li telaq Orsini, ghalhekk ghandu jithallas dak l-ammont li huwa ekwivalenti ghal dak il-perijodu. Billi Orsini hallas ghax-xahrejn mit-30 ta’ Ottubru 1972,  il-konvenut kellu jhallas ghall-perijodu mill-1 ta’ Jannar 1973 sas-17 ta’ Marzu 1973, b’kollox 76 gurnata bil-Lm1 kuljum ekwivalenti ghal Lm76.

Dwar deterjorazzjoni ta’ l-avvjament il-perit legali jikkummenta l-ewwelnett li ma jirrizultax li l-konvenut fixkel jew ma kkooperax fir-rigward ta’ permessi u licenzji u li ebda prova ma ngiebet b’dannu tal-konvenut, *“anzi l-kuntrarju”*. Joseph Seychell stess xehed li ma kellem lil hadd biex idawwar il-permessi ghax kien moqdi. U jekk il-forn dam zmien maghluq sakemm hadu Joseph Seychell, ma kienx jahti ghal dan il-konvenut li anzi kompla jisforza ghal xi zmien wara li Orsini *“hasel idejh”* xahrejn biss wara li kien dahal fil-forn.

Konsegwentement l-ammont li jrid jithallas mill-konvenuti in lineja ta’ danni huwa ta’ Lm139 + Lm76 = Lm215.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici limitatament kif inghad billi:

(1) tiddikjara li l-konvenut Emanuel Mifsud kien responsabbli li naqas milli jadempixxi l-obbligazzjonijiet kollha tieghu,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm215, u
(3) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' Lm215 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal kwart mill-atturi u tliet kwarti mill-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**D/REGISTRATUR**